MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Numru 84/1998

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Paul Abela ta' 45 sena, iben Geraldu**
**u Rosina nee Vella, mwieled Zejtun,**
**fit-3 ta' Dicembru, 1952 u joqghod Villa Romana,**
**Giuseppi Barbara Street, Ghaxaq,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**785552(M)**

**Adal Mohamed Sawi ta' 34 sena, bin Mohamed**
**U Fatima nee Kisenge, imwieled Sudan,**
**Fit-12 ta' Jannar, 1963, u temporanjament joqghod**
**21, Sqaq il-Qaccawiet, Xaghra Zabbar,**
**passaport mhux maghruf.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Paul Abela u Adal Mohammed Sawi li gew akkuzati talli fil-5 ta' Jannar, gewwa Hal Ghaxaq volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, fuq vettura ghamla Daihatsu ta' kulur abjad, bin-numru ta' registrazzjoni DBC-453 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn Lm 500 izda aktar minn Lm 50 ghad-detriment ta' John Refalo,

Lil Paul Abela wahdu, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew idejjeq jew ghamel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor u,

Lil Paul Abela wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat,hedded b'gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddab jew qabad armi ohra kontra n-nies

Lil Paul Abela wahdu talli sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi nhar 1.07.97 Hall 12.

Rat li fil-21 ta' Mejju, 1999 saret is-separazzjoni ta' gudizzju u li nghatat sentenza fil-konfront ta' l-akkuzat Sawi.

GHALDAQSTANT DIN ID-DECIZJONI HIJA BISS FIL-KONFRONT TA' PAUL ABELA

Rat anke l-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat Paul ABela wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonjiet.

Ikkonsidrat

Li din il-kawza tittratta dwar allegat glieda li saret fil-propjeta' ta' l-akkuzat Paul Abela u li konsegwenza taghha spiccat sofriet hsara vettura ta' John Refalo DBC-453. Prezenti waqt din il-glieda kien hemm tlett persuni ta' nazzjonalita' Gharbija, wiehed minnhom il-koakkuzat Sawi, Paul Abela u bintu Tania Abela. Din il-glieda allegatament inqalghet bejn Sawi u Abela.

Bhala xhieda insibu li a fol 31 ix-xhud Nasser Ben Harshi jghid li hu ra liz-zewg imputati jhabbtu mal-karozza. Zied li kien Paul Abela li fil-fatt kiser il-windscreen, pero' li anke kien ra lil Sawi jhabbat fuq il-karozza pero' mhux in-naha tal-windscreen. El Hid El Huwadi a fol 35 jghid li ra liz-zewg imputati jiggieldu ezatt hdejn il-karozza. Jghid li hu kien wara l-karozza u li ma ra lil hadd ihabbat fuq il-vettura.

Min-naha l-ohra l-akkuzat irrilaxxa stqarrija fejn qal li hu kien taptap fuq is-saqaf tal-vettura tant li kien haseb li ghamel hsara fuq is-saqaf taghha izda kien cert li minn dana kollu ma gara xejn ghax is-saqaf kien rega' gie f'postu.

Viva voce ammetta (a fol 80) li hu kien ta daqqa fuq is-saqaf tal-karozza li nkisrilha l-windscreen. Mistoqsi kif spicca miksur l-istess windscreen wiegeb li ma kienx jaf. Qal li meta ta daqqa fuq il-vettura, d-daqqa ta' fuq wara tal-karozza.

Ex admissis Paul Abela jammetti kemm fl-istqarrija kif ukoll viva voce li hu qabad travett biex igerrex lill-Gharab waqt il-glieda li nqalghet bejniethom.

Xehdet ukoll bintu Tania Abela. Qalet li hi rat l-incident kollu u li qatt ma rat lil missierha jaghti daqqiet fuq il-

karozza, la semghet daqqiet u anqas hsejjes ta’ tkissir. Tinsisti li missierha kien il-boghod mill-vettura.

Dwar l-ammont ta’ hsara sofferta, John Refalo ghalkemm ingunt darbtejn qatt ma esebixxa ebda rcevuta ta’ l-ispejjez pero’ xehed (a fol 63) li l-hsara kienet tammonta ghal mija u hamsin lira (Lm 115) konsistenti f’xiri ta’ windscreen, qligh u tqeghid u xiri ta’ kolla.

Ikkonsidrat

Illi kif ben kien jirrizulta mit-trattazzjoni d-difiza qajmet tliet punti biex tissorvola din l-akkuza.

L-ewwel punt hu li l-akkuza ma ggib ebda sena mid-data ta’ l-akkuza u ghalhekk qatt ma tista’ tigi pruvata. Il-Qorti pero’ ma taqbel xejn ma’ dan – huwa veru li akkuza trid tkun redatta b’mod car halli l-akkuzat ikun imqieghed fl-ahjar mod biex iwiegeb ghaliha u b’hekk jiddefendi ruhu. Pero’ tistaqsi din il-Qorti, ghal liema sena ohra setghet tirreferi l-akkuza jekk il-prezentata bl-arrest saret fi Frar 1998 u di piu’ l-akkuzat gie anke akkuzat bir-recidiva ghal sentenza moghtija fl-1997. Fil-fatt jidher mill-atti processwali li l-akkuzat Abela minn imkien ma gie pregudikat biex iwiegeb ghall-akkuzi mressqa kontra tieghu.

Kif gie sollevat, ghandha ragun id-Difiza tippuntwalizza li Refalo l-propjetarju tal-vettura danneggjata ma pprezentax (ghalkemm debitament ingunt) l-ircevuta ta’ l-ispejjez. Pero’ l-istess John Refalo kien xehed li l-hsara kienet ammontanti ghal mija u hamsin lira (Lm 150) li frankament ghal din il-Qorti hija somma ferm reali bhala prezz ta’ xoghol u materjal kif spjega l-istess Refalo.

Dwar il-fatti taqbel il-Qorti ma dak elenkat mid-Difiza li ma hemmx qbil komplet dwar dak li qara. Pero’ kif gie suespost hemm xhud okulari, Harshi li ra lil Abela jkisser il-windscreen (ghalkemm wera x-xewqa li ma jixhidx kontra Abela), hemm l-istqarrija ta’ l-istess Abela fejn jghid li hu taptap fuq is-saqaf tal-vettura mentri viva voce (a fol 83) jghid li hut a daqqa fuq wara. In kontrast xhieda tad-

Difiza, cioe mart Abela anzi tghid li hi ma semghetx ebda daqqa fuq il-karozza nonostante li kienet biss 50 pied il-boghod.  Bintu Tania qatt ma rat lil missierha jaghti daqqiet fuq il-karozza anzi ma semghet ebda daqqiet fuq il-vettura.  Ghalkemm prezenti ghall-incident qatt ma rat il-vettura titkisser anzi ma semghet ebda hoss ta' tiksir.

Illi kontrarjament ghat-tezi tad-Difiza din il-Qorti tahseb li din l-hekk imsejha konfuzjoni tax-xhieda timmilita favur il-htija ta' l-akkuzat li ghalkemm jammetti daqqiet fuq is-saqaf tal-vettura, pero' donnu jibqa' meraviljat kif din spiccat bil-windscreen imkisser.

Ghaldaqstant rat l-artikoli 325(b), 9, 31, 339 u 49 tal-Kap 9.   Dwar il-piena tikkundannah wara li rat il-fedina penali ghal tmien (8)  xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------